MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 2187/1997/1

**Maria Baldacchino;**
**U b' Nota tas-7 ta' Lulju 2000 Rita Castorino assumiet l-atti tal-kawza**

**Vs**

**Edwin Pace**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-attrici fit-28 ta' Gunju 1997 istitwiet proceduri kontra l-konvenut u dan kif jirrizulta mid-dokument "MB1" anness ma' l-att tac-citazzjoni;

Premess illi kontestwalment ma’ l-imsemmija proceduri l-attrici pprezentat ukoll mandat ta’ inibizzjoni kontra l-konvenut biex jigi inibit milli jaghmel uzu mir-rampa li taghti ghal gewwa l-garage tal-konvenut ghax dan l-uzu kien qieghed jikkawza molestja gravi fil-konfront ta’ l-attrici (ara Dok. “MB2”) liema mandat igib in-numru 3850/97 fl-ismijiet “Maria Baldacchino vs Edwin Pace”;

Premess illi tali mandat gie akkordat u l-konvenut gie notifikat bl-ordni tal-Qorti (ara Dok. “MB3” );

Premess illi minkejja tali ordni tal-Qorti l-konvenut baqa’ jisfida l-istess ordni b’ disprezz lejn l-Awtorita’ ta’ din il-Qorti u dan kif ser jigi ppruvat fil-kors ta’ din il-kawza;

Talbet ghalhekk l-attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li wara t-22 ta’ Lulju 1997 il-konvenut kompla jaghmel uzu mir-rampa sudetta u dana bi ksur ta’ l-ordni tal-Qorti konsegwenzjali ghall-hrug tal-mandat ta’ inibizzjoni numru 3850/97 fl-ismijiet “Maria Baldacchino vs Edwin Pace”;

2. U sussegwentement tiddikjara lill-konvenut bhala hati ta’ disprezz lejn l-Awtorita` taghha u tikkundannah ghal dawk il-pieni, multi jew komminazzjonijiet previsti mil-ligi fic-cirkostanzi;

Bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attrici, il-lista tax-xhieda minnha indikati u l- elenku tad-dokumenti esebiti mac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut li permezz taghha huwa eccepixxa:-

Illi assolutament mhux minnu li l-konvenut b’ xi mod iddisprezza jew qed jiddisprezza l-Awtorita` tal-Qorti kif

ampjament ikun jista’ jillustra waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tal-11 ta’ Gunju 1999 li permezz tieghu giet nominata Dr. Irene Bonello bhala perit gudizzjarju biex tfittex u tirrelata dwar l-fondatezza tad-domandi attrici, wara li tiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet sollevati, u taghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’ jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta’ l-imsemmija perit legali li tinsab a fol. 99 *et sequitur* tal-process u li giet minnha debitament konfermata fl-udjenza tas-6 ta’ Frar 2002;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

Ir-relazzjoni peritali f’ din il-kawza stabbilit illi l-konvenut ghandu jitqies hati ta’ disprezz ghax nonostante l-mandat ta’ inibizzjoni (Numru 3850/97) huwa xorta wahda baqa’ jaghmel uzu mir-rampa li l-imsemmi mandat kien inibih milli hekk jaghmel.  Il-kontinwita` ta’ uzu bhal dan hi ammessa mill-istess konvenut (Seduta 11 ta’ Dicembru 2000, fol. 83);

Huwa pacifiku f’ dan is-sens illi “min jarbitra u jmur kontra dak li gie lilu ordnat b’ mandat ta’ inibizzjoni, filwaqt li dak il-mandat ikun ghadu jsehh, jirrendi ruhu hati ta’ disprezz ghall-Awtorita` tal-Qorti ... L-interess socjali u l-buon ordni pubbliku jezigu illi l-ordnijiet tal-Qorti jigu obduti u jigu kontrarjati u puniti l-infrazzjonijiet ta’ dawk l-ordnijiet” (**Vol.**

**XXIX P II p 1023; "Edward Camilleri *nomine* –vs- Carmelo Vella"**, Appell, 7 ta' Ottubru 1997);

Dan premess, il-Qorti tirrileva li f' dan il-kaz jezisti punt procedurali assorbenti li l-Qorti ghandha d-dmir li tissolleva *ex officio* u tiddecidih, avolja ma giex hekk sollevat mill-konvenut;

L-azzjoni *de quo* tmexxiet bil-mod normali u ordinarju tac-citazzjoni minn persuna kontra persuna ohra. Fiha kif gja inghad, qed jintalab li l-konvenut jigi kkundannat ghal disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti;

Issa hu minnu illi kien hemm zmien fejn kien ritenut illi l-istanza ghad-disprezz kellha tigi istitwita mill-parti interessata fil-kawza fil-procediment li fihom ikun allegat li javvera ruhu l-att dispreggjattiv. Fil-verita`, biex jinghad kollox, ma jidherx li l-kazistika fuq dan il-punt kienet wahda konsistenti. Dan ghaliex, kif akkolt fid-decizjoni fl-ismijiet "**Mary Bonello –vs- Cristinu Bonello**", Appell Civili, 2 ta' Novembru 1983, kien f' dak l-istess zmien ritenut ukoll illi hi "l-Qorti biss li tigi leza u mhux il-parti privata u ghalhekk hija l-Qorti biss li ghandha s-setgha li tiddeciedi jekk jittiehdux jew le proceduri ghad-disprezz lejn l-awtorita` taghha". Issokta jinghad illi "kieku kellu jigi permess illi l-parti privata tiehu passi, permezz ta' citazzjoni ordinarja, ghall-disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti, jigi li l-parti privata tkun qed tarroga ghaliha poter li huwa moghti biss lill-Qorti li tkun leza.";

Dan l-ahhar espost indirizz tal-Qorti fuq is-suggett, fl-istat attwali tal-ligi procedurali, jircievi akkoljiment zgur bl-emenda introdotta bl-Att XXIV ta' l-1995, li saret bl-iskop li tnehhi l-incertezza li ttrapelat ruhha f' decizjonijiet anterjuri diskordanti;

Hekk fil-prezent l-Artikolu 1003A testwalment jiddisponi illi "bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' dan it-titolu f' kull procediment ghal disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti, ir-Registratur ghandu jibda, kif jigi ordnat mill-Qorti, il-

procedimenti mehtiega u ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi huwa ghandu jitqies bhala l-attur.”

Jinghad a propositu fis-sentenza fl-ismijiet “**Avukat Irene Bonello –vs- Onor. Prim. Ministru *et***”, Appell, 28 ta’ Frar 1997 illi “l-istitut li jirrigwarda r-rispett li ghandu jingieb lill-Qorti (Titolu XVII tal-Kap. 12) hu ta’ natura penali u hu mahsub biex jassigura l-buon ordni u d-dekor fil-kondotta tal-procedura. Hu istitut li jimponi sanzjonijiet u pieni fuq minn jonqos mir-rispett lejn l-Awtorita` tal-Qorti. Il-parti leza hi allura l-Qorti u mhux xi wiehed jew wahda mill-kontendenti.”;

Fil-kaz in ezami l-mandat ta’ inibizzjoni nhareg fl-1997 u c-citazzjoni *de qua* ghad-disprezz giet introdotta mill-attrici fl-24 ta’ Settembru 1997. Li jfisser allura wara d-dhul in vigore tad-disposizzjoni procedurali (Artikolu 1003A) fuq riportata. Il-parti leza, ghalhekk, kellha tkun il-Qorti u mhux xi parti in kawza. “Dan qed jigi sottolinejat biex tigi precizata n-natura ta’ l-azzjoni taht ezami li kienet timporta l-apprezzament, da parti tal-Qorti, tac-cirkostanzi li fihom l-ordni taghha tkun giet volutament sfidata . . . Tali apprezzament kien jispetta lill-Qorti oltreggjata u kien biss eccezzjonalment li din il-Qorti, u wisq anqas xi parti in kawza, setghu jissindikawh u jiddisturbawh . . . Kienet dik il-Qorti li fil-konfront taghha jkun allegatament intwera disprezz li kellha tkun l-arbitru biex tiddeciedi mhux biss jekk tali disprezz kienx jezisti jew le, mhux biss jekk kien jezisti, kemm kien munit minn bl-intenzjoni li tigi oltreggjata l-awtorita` tal-Qorti, imma wkoll il-gravita` ta’ tali oltragg.” – “**Concetta Dimech –vs- Joseph Bonnici**”, Appell, 9 ta’ Frar 2001;

Fil-kaz taht konsiderazzjoni huwa ghalhekk il-kaz illi l-procedura addottata mill-attrici ma hijiex dik ritwali. Din l-inosservanza twassal ghan-nullita` u rritwalita` tac-citazzjoni. Ir-raguni hi wahda ben ovvja. Kif osservat fis-sentenza fl-ismijiet “**Markiz Anthony Cassar Desain *et* –vs- Giovanni Pace *et***”, Appell Civili, 15 ta’ Ottubru 1965, “il-procedura hi ligi ta’ ordni pubbliku. Ghalhekk ma jistax

jigi ammess li procedura stabbilita mil-ligi tigi sostitwita b' ohra, lanqas bil-kunsens tal-parti opposta. U l-eccezzjoni relattiva, jekk ma tigix sollevata, jew tigi rinunzjata mill-parti l-ohra, ghandha tigi sollevata mill-Qorti *ex officio*. Fil-prattika kostanti tal-Qrati taghna dejjem giet dikjarata n-nullita` kull meta procedura li kellha ssir fil-forma ta' certu att gudizzjarju giet istitwita` b' forma ta' att gudizzjarju divers."

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi fl-ewwel lok tiddikjara illi kif ammess minnu stess il-konvenut baqa' jaghmel uzu tar-rampa wara t-22 ta' Lulju 1997 bi ksur ta' l-ordni tal-Qorti kontenuta fil-mandat ta' inibizzjoni Numru 3850/97 fl-ismijiet "Maria Baldacchino –vs- Edwin Pace";

Fit-tieni lok in vista tal-konsiderazzjoni fuq maghmula tichad it-tieni talba billi tiddikjara li fit-termini ta' l-Artikolu 1003A tal-Kapitolu 12 din giet irritwalment proposta u ghalhekk ghandha titqies proceduralment nulla.

L-ispejjez tal-kawza, in bazi ghar-ragunijiet esposti, ghandhom jigu sopportati bin-nofs bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------